**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Mary Rose Vella**
**Charmaine Vella**

Kaz Numru: 798/2012

Illum 27 ta' Jannar 2016

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati **Mary Rose Vella,** bint Saviour Curmi u Angela nee' Spiteri, imwielda fil-31 ta' Jannar 1948, residenti fil-fond Hotel Xlendi Resort and Spa, Triq San Xmun, Xlendi Bay, MUnxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 12348(G) u **Charmaine Vella,** bint Joseph u Mary Rose nee' Curmi, imwielda fit-8 ta' Settembru 1977, residenti fil-fond

Marvic, Triq San Xmun, Xlendi Bay, Munxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 503177(M), akkuzati talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'All Seasons Holidays Limited (C–37825) b'indirizz registrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street, Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bhala persuni li kienu ngarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex thallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu **pagi,** ghall-ammont ta' €750, naqsu li jhallsu **bonus** ammontanti ghal €119.60, naqsu li jhallsu l-w**eekly allowance** ammontanti ghal €51.26, naqsu li jhallsu l-v**acation leave** ammontanti ghal €442.85, naqsu li jhallsu l-**overtime** fl-ammont ta' €2054.37 u naqsu li jhallsu l-**festi pubblici** ammontanti ghal €415.44, u naqsu li jhallsu d-differenza tal-kumplament tal-kuntratt fl-ammont ta' €1500 li b'kollox jammontaw ghal hamest elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5,333.52) li kienu dovuti lill-ex impjegat taghhom, u cioe' lil **Christian Saliba** fis-17 ta' Gunju 2012;

Ghaldaqstant, il-Qorti giet mitluba bir-rispett sabiex tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452, u tar-Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003, kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ihallsu l-penali skont il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil **Christian Saliba** l-ammont ta' hamest elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5,333.52) ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2015 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, difiza u l-*parte civile* sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-Difiza baqghu ma pprezentawx s-sottomissjoni taghhom bil-miktub, minkejja li nghataw il-fakolta' jaghmlu hekk.

Rat illi fis-16 ta' Novembru 2015, il-*parte civile* pprezentat s-sottomissjonijiet taghha bil-miktub.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat illi fil-mori tal-kawza l-imputati hallsu lill-kwerelant is-somma ta' elf, seba' mija u disgha u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€1779.15).

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2012. Bidel l-idejn minghnad Magistrat ghall-iehor. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b' mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-ġbir tax-xhieda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l- proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni individwa biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk*

*sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

Il-Qorti ttenni li mhix ħa tħalli lil min jabbuza mis-sistema legali biex kazijiet li normalment ghandhom ikunu decizi f'seduta jew tnejn jiehdu dan it-tul kollu kif gara f'dan il-kaz.

Huwa koncess li Artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi li:

*"kull persuna li fiz-zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor bhal dawk ta' dik is- socjeta`, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat."*

L-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jhalli l- ebda dubbju min ghandu jwiegeb f'sitwazzjonijiet bhal dawn meta jghid:

*"Meta reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet maghmula bis-sahha tieghu jsir minn socjetà, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fi zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficcjal iehor bhal dawk ta' dik is-socjetà, kumpanija, ghaqda jew korp iehor ta' persuni, jew kienet tidher li qed tagixxi f'xi kariga tali, titqies li tkun hatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar*

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

*minghajr it-taghrif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-ghemil tar-reat.”*

Issa, bhalma ntqal fis-sentenza “Il-**Pulizija versus George Barbaro Sant**” moghtija mill-Qorti fit-18 ta’ Ottubru 2007 meta kienet qed tikkonsidra l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 (provvediment ekwivalenti ghall-artikolu 46 tal-Kapitolu 452 appena citat):

*“Dan ifisser illi jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li sar reat mis-socjetà kummercjali li taghha l-appellant kien direttur fi zmien tal-kommissjoni tar-reati, ikun hemm prezunzjoni iuris tantum tal-htija tieghu wkoll individwali sakemm ma jippruvax almenu sal-grad tal-probabilità rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita’ d-diligenza kollha xierqa biex jevita’ l-ghemil tar-reat inkwistjoni.”*

F’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha illi l-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella ma ppruvawx lanqas sal-grad ta’ probabilità rikjest mil-ligi li r-reat sar minghajr it-taghrif taghhom u li kienu ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil tar-reat.

**Ikkunsidrat**

ILLI mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella, fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi u/jew rapprezentanti ta’ kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta’ kummercjali ‘All Seasons Holidays Limited (C–37825) b’indirizz registrat Hotel Xlendi Resort & Spa, St. Simon Street,

Xlendi Bay, Munxar (Gozo) Malta u/jew bhala persuni li kienu ngarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex thallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu **pagi,** ghall-ammont ta' €750, naqsu li jhallsu **bonus** ammontanti ghal €119.60, naqsu li jhallsu l-w**eekly allowance** ammontanti ghal €51.26, naqsu li jhallsu l-v**acation leave** ammontanti ghal €442.85, naqsu li jhallsu l-**overtime** fl-ammont ta' €2054.37 u naqsu li jhallsu l-**festi pubblici** ammontanti ghal €415.44, u naqsu li jhallsu d-differenza tal-kumplament tal-kuntratt fl-ammont ta' €1500 li b'kollox jammontaw ghal hamest elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€5,333.52) li kienu dovuti lill-ex impjegat taghhom, u cioe' lil **Christian Saliba** fis-17 ta' Gunju 2012;

Illi fil-mori tal-kawza l-imputati hallsu lill-kwerelant is-somma ta' elf, seba' mija u disa' u sebghin ewro u hmistax-il centezmu (€1779.15).

Illi l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 5, 15 u 45 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-lum u tordna li sa zmien xahar mil-lum l-imputati Mary Rose Vella u Charmaine Vella jhallsu lil Christian Saliba is-

somma ta' tlett elef, hames mija u erbgha u hamsin ewro u sebgha u tletin centezmu (€3554.37).

___________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**